Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 31 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Abukar Hassan Osman**
**(48743A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Abukar Hassan Osman**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 48743A.

Akkużat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti jkunu kissru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda jitqies bhal reat kontinwat u cioe' matul is-27 ta' Dicembru 2022 u 28 ta' Dicembru 2022 gewwa x-Xatt il-Mollijiet u f'dawn il-gzejjer Maltin :

1. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda anqas minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Dr Joseph Brincat u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix mitejn u hamsin euro (€250) ghad-dannu ta' Ahmed Ahmed Saleh u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli hebb ghal Bashir Jimale Abdulle sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu l-hsara u dan bi ksur tal-artiklu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli ghamel ingurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Bashir Jimale Abdulle, Tony Azzopardi u Moufida Dghaiej Ep Ben u dan bi ksur talk-artiklu 339(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Tony Azzopardi u Moufida Dghaiej Ep Ben u dan bi ksur tal-artiklu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor; jew habbat bibien, jew cempel qniepen tad-djar jew ta' bini iehor ta' haddiehor, u dan bi ksur tal-artiklu 339(c) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli volontarjament kiser il- bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli volontarjament kiser il- mistrieh ta' matul il-lejl u dan bi ksur tal-artiklu 338(m) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Bashir Jimale Abdulle, Tony Azzopardi u Moufida Dghaiej Ep Ben, u/jew individwi ohra biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Bashir Jimale Abdulle, Tony Azzopardi u Moufida Dghaiej Ep Ben billi taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat u dan skont l-Artikolu 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi fit-12 ta' Gunju 2023, deher Dr Joseph Brincat li nforma lil Qorti illi m'ghandux interess fil-kawza odjerna hlief li l-imputat jinghata l-kura li ghandu bzonn.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-2 ta' Frar 2023, xehdet Graziella Vella fejn qalet illi hija stazzjonata l-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija u pprezentat rapport li gie mmarkat bhala Dok GV1 wara li kienet hadet kampjuni minn fuq 2 bicciet ta' injam ghal-fini tad-DNA u kampjun ta' hgieg.

Illi xehed Emerson Vella, fejn qal illi kien stazzjonat ukoll il-Laboratorju tax-Xjenza Forensika tal-Pulizija  fejn ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok EV1 li jinkludi 20 ritratt.

Illi xehedu Dr. Joe Brincat u Bachir Abdul li gharfu lill-imputat fl-awla u ipprezentaw dokument immarkat Dok BA1 li hija stima tal-hsarat fil-vettura Mitsubishi Colt bin-numru ta' registrazzjoni HBN745 li jammonta ghal €620.

Illi fit-13 ta' Frar 2023, xehed Ahmed Ali Ahmed fejn qal li hu kellu karozza tad-ditta Toyota Vitz bin-numru FCA 575 u li kien sab hsara fiha fil-mera tal-genb. Hu ma kienx prezenti meta saret il-hsara imma kienu infurmawh il-pulizija bil-hsara. Hu ipprezenta stima tal-hsara li tammota ghal €90 li giet immarkata bhala Dok AMX1.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 325(1)(b)(c), 339 (b)(c)(d)(e) u 338(dd)(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu** u u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena (1) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Abukar Hassan Osman** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Abukar Hassan Osman** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sena (1) millum,** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Ufficjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Abukar Hassan Osman b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sena (1)** millum ghall-**protezzjoni ta' Bashir Jimale Abdulle,**

**Tony Azzopardi u Moufida Dghajej Ep Ben**. Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lil hati Abukar Hassan Osman** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Bashir Jimale Abdulle, Tony Azzopardi u Moufida Dghajej Ep Ben.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sena (1)** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat